**10 ta' Frar, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

David Farrugia

*versus*

Aronne Attard

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — "Alternative Accomodation" — "Decontrol".**

*Biex "alternative accomodation" titqies li mhix "suitable", bizżejjed illi ma tkunx tali taħt anki wieħed biss mill-aspetti li għandhom jiġu kunsidrati skond il-liġi. U għalhekk, jekk il-Bord tal-Kera jkun irritjena l-fond offert bħala "alternative accomodation" mhux "suitable" għal dak li hu "character", il-kwistjoni dwar il-kera mhix indispensabbli.*

*Imma, apparti dan, fond li hu "decontrolled", u li hu offert bħala "alternative accomodation" "sic et simpliciter", ma jistgħax jitqies li hu 'suitable" għal dak li hu kera; u appena jista' jingħad li hu verament "available" għall-kerrej fis-sens li dik il-kelma għandha tkun raġjonevolment interpretata.*

*Ladarba l-Bord tal-Kera jkun iddeċieda tajjeb il-punt ta' liġi li ta lok għall-appell, il-Qorti tal-Appell ma tistgħax tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet ta' fatt, u ma tistgħax, fl-eżami tal-korrettezza o meno tal-punt ta' liġi, tieħu f'konsiderazzjoni fatti li ma kienux quddiem il-Bord.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond 107A. Main Street, Żebbuġ, billi jridu biex imur joqgħod fih;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tal-10 ta' Novembru 1960, li biha t-talba ġiet miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; wara li l-Bord ikkunsidra;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Bord, il-fond huwa "unsuitable" bħala "character" . . . Il-fond huwa wkoll "decontrolled", u kwindi "unsuitable" bħala kera, għaliex, wara sena l-intimat isib ruħu konfrontat bl-alternattiva illi, jew iħallas kemm irid kera s-sid, jew joħroġ il-barra mingħajr "alternative accomodation";

Dwar il-"hardship", dan ma jkunx akbar għar-rikorrent, li ma għamelx ħaġ'oħra ħlief ħa b'ċens il-fond talintimat biex jista' jidħol fuqu;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmi David Farrugia appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata, u li tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-punt legali li fuqu sar l-appell jirrigwarda, kif jidher mill-istess rikors tal-appell, il-konklużjoni tal-Bord illi l-fond offert bħala "alternative accomodation" mhux "suitable" anqas għal dak li hu kera, għaliex huwa "decontrolled";

Biex "alternative accomodation" titqies li mhix "suitable", biżżejjed illi ma tkunx tali taħt anki wieħed biss mill-aspetti li għandhom jiġu kunsidrati skond il-liġi. Fil-każ preżenti, il-Bord ġa kien irritjena illi l-"alternative accomodation" ma kienetx "suitable" għal dak li hu "character", u dan fuq sempliċi konsiderazzjoni ta' ċirkustanzi ta' fatt. Dan vwoldiri illi, għall-finijiet tad-deċiżjoni finali tal-Bord il-kwistjoni l-oħra dwar il-kera ma kienetx indispensabbli;

Hi kif inhi, din il-Qorti tirritjeni illi l-punt ta' liġi li fuqu hemm l-appell hu deċiż tajjeb fis-sentenza appellata, kif din il-Qorti reċentement kellha okkażjoni tippronunzja ruħha fil-kawża "Borg vs. Cuschieri", maqtugħa fis-27 ta' Jannar 1961. Fond li hu "decontrolled", u li hu offert bħala "alternative accomodation", "sic et simpliciter", ma jistgħax jitqies li hu "suitable" bħala kera; u appena jista' jingħad li hu verament "available" għall-kerrej, fis-sens li dik il-kelma għandha tkun raġjonevolment interpretata;

Quddiem din il-Qorti, l-appellant offra li jagħmel xi xogħolijiet f'dak il-fond biex ineħħi l-inkonvenjenti, u li jagħti lokazzjoni lill-appellat għal sittax il-sena bil-kera ta' £12 fis-sena. Iżda, peress illi l-appell lil din il-Qorti mid-deċiżjonijiet tal-Bord huwa limitat għalhekk, ġa ladarba l-punt ta' liġi li ta lok għall-appell ġie deċiż tajjeb, il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet ta' fatt, u ma tistgħax, fl-eżami tal-korrettezza o meno tal-punt ta' liġi, tieħu f'konsiderazzjoni fatti li ma kienux quddiem il-Bord;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.